MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 469/2005

**Elizabeth Galan (ID190976M)**
**vs**
**Raymond Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850.00), u fejn intqal :**
**Illi permezz ta' ftehim iffirmat bejn il-partijiet nhar is-17 ta' Marzu, 2004 (kopja tal-ftehim annessa mal-avviz u mmarkata Dok.A) l-attrici tat b'titolu ta' self a favur tal-konvenut li accetta s-somma ta' elfejn mitejn u erbghin lira Maltin (Lm2240) ;**
**Illi skond l-istess ftehim fuq imsemmi il-konvenut obbliga ruhu illi jhallas dan l-ammont kollu sa mhux aktar tard mis-17 ta' Mejju, 2004 ;**
**Illi fl-iskadenza tal-perjodu fuq imsemmi jigifieri s-17 ta' Mejju, 2004, il-konvenut naqas milli jhallas lill-attrici l-bilanc dovut minnu lill-attrici ;**

**Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc minnu dovut ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850) baqa' nadempjenti;**
**Illi ghalhekk l-attrici tinsab kreditrici kontra l-konvenut ghas-somma ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850) ;**
**Ghaldaqstant l-attrici talbet li :**
**i. jigi dikjarat illi l-attrici hija kreditricci kontra l-konvenut fis-somma ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850) ; u**
**ii. illi jikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma.**
**Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attrici fil-15 ta' Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-attrici kreditrici kontra l-konvenut fis-somma ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma msemmija ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850), bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------